# ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

## TALB GĦAS-SINODU TAL-ISQFIJIET MATUL OTTUBRU

Mill-4 sal-25 ta' Ottubru 2015 se tiltaqa' l-14 Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet bit-tema 'Il-vokazzjoni u l-missjoni tal-familja fil-Knisja u fid-dinja tal-lum'.

Aħna mħeġġin biex nitolbu ħafna ħalli dan is-Sinodu tal-Isqfijiet ikun ta' għajnuna lill-Papa Franġisku fid-direzzjoni li jagħti għall-ħidma pastorali mal-familja fi żminijietna.

Tkun ħaġa sabiħa li matul ix-xahar ta' Ottubru fil-familji, fil-knejjes u fil-komunitajiet tingħad it-talba tar-Rużarju b'ħeġġa u b'devozzjoni, b'intenzjoni partikulari għas-Sinodu tal-Isqfijiet.

Fit-talbiet tal-ġemgħa waqt il-quddiesa, tingħad ukoll din it-talba: 'Nitolbuk, Mulej, ibgħat l-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja, waqt li qed tiċċelebra s-Sinodu dwar il-Familja, ħa jsawwab id-doni tiegħu fuq il-Papa u l-Isqfijiet biex il-Knisja tagħraf twieġeb b'imħabba pastorali mġedda għall-ħtiġijiet tal-persuni u tal-familji fiż-żminijiet tal-lum. Nitolbu.'

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 29 ta' Settembru 2015.

| | |
|---|---|
| Lawrence Gatt | Joe Galea Curmi |
| Kanċillier | Vigarju Ġenerali |